Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,347, 19 ta' Novembru, 2024
Taqsima B

A.L. 304 tal-2024

ATT DWAR IL-KUMMISSJONI ĊINEMATOGRAFIKA TA' MALTA (KAP. 478)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Inċentivi Finanzjarji għal Programmi tar-realtà u Xandir ta' logħob jew Kompetizzjonijiet Screen Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 26(1) u 33 tal-Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta, il-Ministru responsabbli għall-industrija tal-films, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Inċentivi Finanzjarji għal Programmi tar-realtà u Xandir ta' logħob jew Kompetizzjonijiet Screen Malta u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Inċentivi Finanzjarji għal Programmi tar-realtà u Xandir ta' logħob jew Kompetizzjonijiet Screen Malta, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 478.07.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara s-subregolament (2) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fit-12 ta' Ġunju 2024.".